MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 147/1996/1

Maria Pace, u b'degriet tad-9 ta' Ottubru, 2003, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Raymond Mifsud, ta' 44 Triq ta' Gorf, Xagħra, minflok Maria Pace li mietet fil-mori tal-kawża .

vs

Carmelo Grima u martu Margaret Grima .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attriċi, wara li ppremettiet :

Illi permezz ta' kuntratt tal-għoxrin (20) ta' April tal-elf disa' mija u disgħin (1990) fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani l-konvenuti akkwistaw mingħand l-attriċi b'titolu ta' *datio in solutum* id-drittijiet kollha reali spettanti lill-attriċi mill-fond numru mija u tmienja u tletin (138), Triq

Marsalforn, Xagħra, Għawdex - *kopja tal-kuntratt annessa u markata A ;*

Illi l-kunsens tal-attriċi għal dan it-trasferiment kien vizzjat minħabba maneġġi u raggiri oħra adoperati mill-konvenuti li nduċew lill-attriċi tersaq għall-kuntratt ta' trasferiment tal-proprjeta' favur il-konvenuti meta l-attriċi ma kellha ebda ħtieġa li tersaq għal dan il-kuntratt ta' trasferiment billi bit-testment tagħha tat-18 ta' Settembru 1989 ukoll fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani, hija kienet ġia nnominat lill-istess konvenuti eredi universali tal-beni tagħha kollha preżenti u futuri, mobbli u mmobbli – *kopja tat-testment markata B ;*

Illi l-attriċi ġiet indotta mill-konvenuti biex tagħmel dan it-trasferiment favur tagħhom taħt pretensjonijiet foloz u ineżatti, u fi żmien meta l-attriċi ma kenitx kapaċi skond il-liġi li tiddisponi minn ħwejjiġha b'att *inter vivos* minħabba infermita' mentali li tagħha ilha tieħu kura psikjatrika għal diversi snin - *ċertifikat mediku anness u markat C ;*

Illi fl-imsemmi kuntratt ta' *datio in solutum* il-valur iddikjarat tal-proprjeta' ttrasferita huwa simulat u ma huwiex wieħed reali kif ukoll l-ammont ta' kumpens ta' serviġi li ġie ddikjarat li huwa dovut lill-konvenuti, dan ġie inflazjonat meta fil-fatt kien dovut lill-konvenuti mill-attriċi kumpens ferm iżgħar kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża .

Talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara null u bla ebda effett legali l-kuntratt ta' *datio in solutum* li sar fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani tal-20 ta' April, 1990 għar-raġunijiet fuq imsemmija .

2. Tordna r-rexxissjoni tal-istess kuntratt .

Bl-ispejjeż inklużi tal-protest ġudizzjarju tal-1`5 ta' Diċembru 1995 u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni li għaliha minn issa huma mħarrkin .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attriċi, konfermata bil-ġurament tagħha .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha eċċepew illi :

1. Illi in linea preliminari, iċ-ċitazzjoni odjerna hija rrita u nulla in kwantu t-talbiet tal-attriċi ma jsegwux mill-premessi tal-istess ċitazzjoni ;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-raġuni dedotta fl-ewwel premessa taċ-ċitazzjoni u ċioe' illi l-attriċi ġiet indotta tersaq għall-kuntratt ta' trasferiment meta ma kellha ebda ħtieġa li tersaq għall-istess kuntratt, ma tammontax għal raġuni valida għall-annullament ta' kuntratt ta' trasferiment ;

3. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti ma użaw ebda "maneġġi u raġġiri" fil-konfront tal-attriċi sabiex jinduċuha tersaq għall-kuntratt ta' trasferiment de quo ;

4. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, ma kienu jeżistu ebda "pretensjonijiet foloz u ineżatti" bħala bażi għall-kuntratt de quo, kif lanqas ma huwa veru illi l-attriċi kienet tbati minn xi inkapaċita' skond il-liġi illi tiddisponi minn ħwejjiġha b'att inter vivos ;

5. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, filwaqt illi mhux veru illi l-valur dikjarat tal-proprjeta' trasferita kien simulat, anke jekk għall-grazzja tal-argument dan kien minnu, dan ma jammontax għal raġuni ta' annullament ta' kuntratt ta' trasferiment stante illi taħt is-sistema ġuridiku ta' pajjiżna ma għadux jeżisti r-rimedju tal—"lesio enormis" bħal ma kien jeżisti fl-antik .

6. Illi finalment, kwalunkwe azzjoni talvolta kompetenti lill-attriċi għar-rexissjoni tal-kuntratt de quo hija llum kolpita bil-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur tal-artikolu 1222 tal-Kodiċi Civili, u fi kwalunkwe każ u sussidjarjament bil-preskrizzjoni ta' ħames snin a tenur tal-artikolu 1224 tal-istess Kodiċ .

7. Illi għaldaqstant d-domandi attriċi huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra l-attriċi .

8. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti kkonfermata bil-ġurament ta' Carmelo Grima .

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' April 2005 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti u affidavits esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugħa .

Rat ukoll l-atti tal-kawża ċitazzjoni numru 224/96 fl-istess ismijiet, quddiem din il-Qorti wkoll u konnesa mal-kawża preżenti .

Ikkunsidrat :

Illi b'din il-kawża l-attriċi qed titlob ir-rexxissjoni ta' kuntratt ta' *datio in solutum* li permezz tiegħu ttrasferiet sehemha mill-proprjeta' indikata fiċ-ċitazzjoni lill-konvenuti u dana għad-diversi raġunijiet imsemmja fl-istess ċitazzjoni .

Preliminarjament il-konvenuti eċċepew in-nullita taċ-ċitazzjoni għax it-talbiet ma jsegwux mill-premessi . L-artikolu 156(1)(a) jistipula li ċ-ċitazzjoni għandu jkun fiha "**tifsir ċar u sewwa ta' l-oġġett u r-raġuni tat-talba**" . Imma kif intqal mill-Qorti ta' l-Appell : *" …. F'materja ta' eċċezzjonijiet ta' nullita' l-prinċipju applikabbli huwa* ***ut magis res valeat quam pereat*** *. Il-Qorti għandha tilqa' eċċezzjoni ta' nullita' minħabba fin-nuqqas ta' l-attur li jħares xi formalita' (sakemm ma tkunx nullita' li tirriżulta espressament mil-liġi) biss fil-każijiet fejn jirriżulta li l-konvenut isofri preġudizzju irreparabbli minħabba fin-nuqqas ta' l-attur . Il-liġi ma tiddikjarax espressament in-*

*nullita' ta' l-att li ma jħarisx l-artikolu 156(1)(a) u għalhekk huwa applikabbli l-artikolu 789(1) (c) tal-kap. 12 li jgħid li tista' tingħata eċċezzjoni ta' nullita'* ***'jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mill-liġi … kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet lill-parti li titlob in-nullita' preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat****.' "* [1]

Hekk ukoll ingħad illi : " … *n-nullita' ta' l-atti ġudizzjali hija sanzjoni estrema li l-liġi trid li tiġi imposta biss meta n-nuqqas - formali jew sostanzjali - fl-att ma jistax assolutament jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali*." [2]

Fil-każ in eżami ma jistax jingħad illi l-konvenuti bil-mod kif ġiet ifformulata ċ-ċitazzjoni sofrew xi preġudizzju bħal dan . Infatti fl-istess nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħhom, huma jwieġbu liberament bl-eċċezzjonijiet kollha li riedu jagħtu għat-talbiet attriċi u l-istess jagħmlu fin-nota ta' l-osservazzjonijiet responsiva tagħhom . Għalhekk bl-ebda mod ma jista' jingħad illi ġew sgwidati fil-linja difensjonali tagħhom .

F'din il-kawża l-attriċi talbet ir-rexxissjoni tal-kuntratt imsemmi għar-raġunijiet indikati fiċ-ċitazzjoni . Il-konvenuti ddefendew ruħhom billi taw diversi raġunijiet għaliex il-talbiet attriċi kellhom jiġu rifjutati u ma jidhirx illi ġew b'xi mod żvantaġġjati fid-difiża tagħhom b'dak li ntqal f'din iċ-ċitazzjoni . Għaldaqstant il-konvenuti ma kienux ġustifikati jqanqlu din l-eċċezzjoni, li qed tiġi minnufih respinta .

Fil-mertu, mbagħad, insibu fil-liġi tagħna illi : "**Kull ftehim li fih tkun nieqsa xi waħda mill-kondizzjonijiet essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa', jew li l-liġi tiddikjara espressament li hu null, hu suġġett għar-rexxissjoni." [3]**

---

[1] Albert Portelli vs Dr. Riccardo Farrugia : 4.12.1998 kollez. vol. LXXXII.. II. 1311
[2] Appell : Guido J. Vella A.CE vs Dr.Emanuel Cefai Ll.D. : 4.11.1991 vol. LXXV. II. 474
[3] art.1212 kap.16 .

Din l-azzjoni ġiet imfissra fid-dottrina legali bil-mod segwenti : "*L'azione di nullita' o rescessione e' il mezzo giuridico concesso al contraente, di liberarsi dagli effetti pregiudicevoli dell'assunta obbligazione ottenendo l'annullamento, o rescissione che dir si voglia . E' un rimedio, che ha per necessario presupposti uno stato giuridico, ovvero una obbligazione riconosciuta dal diritto civile, sebbene imperfetta . E differisce da ogni altro mezzo, con cui s'impugna un mero stato di fatto derivante da un titolo, che non ha partorito veruna obbligazione riconosciuta civilmente, quantunque abbia dato causa agli effetti con-naturali della obbligazione inutilmente presupposta dal titolo nullo.*" [4]
Sabiex tirnexxi kawza bħal din iridu jikkonkorru tliet kundizzjonijiet : "*Affinche l'azione rescissoria possa dirsi esercitata utilmente, si richiede il concorso cumulativo di tre condizioni : (a) che l'obbligazione sia invalida ; (b) che la rescissione venga domandata da quel contraente, che ha il diritto di prevalersene ; (c) che non sia scorso il tempo assegnato dalla legge, o non sia intervenuta la rinuncia preventiva.*" [5]

**A.** Inghad dwar l-ewwel rekwiżit illi : "… *l'azione rescissoria e' la sanzione dell'incapacita' legale a obbligarsi per contratto, dei vizii di consenso e della lesione*."[6] Fil-każ in eżami l-attriċi qed tibbaża t-talba tagħha għar-rexxissjoni fuq (i) id-**dolo** u li **żball** u (ii) fuq is-**simulazzjoni,** bħala vizzji tal-kunsens tagħha . Jingħad qabel xejn illi din l-aħħar premessa mhix raġuni valida għar-rexxissjoni tal-kuntratt, għax tippresupponi l-ineżistenza ta' kuntratt, mentri fir-rexxissjoni, kif għadna kemm rajna, għandna kuntratt li sakemm ma jiġix dikjarat null, jibqa' validu[7] . Safejn għalhekk it-talba hija bbażata fuq il-premessa tas-simulazzjoni, qed tiġi miċħuda, mingħajr ebda indaġini ulterjuri .

---

[4] Giorgio Giorgi : Teoria Delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italiano 7ma.ed. vol. VIII para. 146 pag. 246 .
[5] ibid.. para. 149 pag. 251 .
[6] ibid. para 150 pag. 251 .
[7] ara sentenza tagħha f'kawza ohra bejn l-istess kontendenti deciza llum ukoll (citaz. nru. 224/1996) .

Jibqa' għalhekk li jiġi eżaminat jekk hux il-każ li dan il-kuntratt jiġi annullat minħabba ir-raġunijiet l-oħra msemmija mill-attriċi, u ċioe' d-**dolo** u li **żball** .

Il-liġi tagħna tfisser illi : "**L-egħmil doluż huwa motiv ta' nullita' tal-ftehim, meta l-inganni magħmulin minn waħda mil-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kienitx tikkuntratta . L-egħmil doluż ma jistax ikun preżunt imma għandu jiġi pruvat**." [8] Skond id-dottrina, sabiex jista' jingħad li jeżisti dan id-*dolo* iridu jikkonkorru erba' kundizzjonijiet, u ċioe' :

*(i)* ***intenzione di nuocere*** : *A costituire il dolo nel senso di macchinazione o raggiro non basta la coscienza di nuocere, ma si richiede la volonta' diretta a nuocere ;*
*(ii)* ***gravita' dei raggiri o artifizi fraudolenti*** *: gli artifizi e i raggiri debbono essere di tal natura, da fare impressione sopra una persona sensata ;*

*(iii)* ***il dolo deve essere causa del contratto***, u cioe' *quando i raggiri usati da uno dei contraenti sono stati tali, che l'altro senza di essi non avrebbe contrattato ;*

*(iv)* ***i raggiri dolosi debbono essere stata opera dell'altro contrente****.* [9]

Il-ligi tagħna tiddistingwi bejn ***żball dwar il-liġi*** li "**ma jġibx in-nullita' tal-kuntratt ħlief meta dan ikun il-kawża waħdanija jew ewlenija tiegħh**." [10] u ***żball ta' fatt*** li "**ma jġibx in-nullita' tal-kuntratt ħlief meta jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-ħaġa li tkun l-oġġett tal-ftehim**." [11]

Dwar dan l-awtur hawn fuq ċitat jispjega illi : "*Intendesi per errore la mancanza di conformita' fra le idee della mente e*

---

[8] art. 981 kap. 16 .
[9] op. cit. para. 95 - 104 .
[10] art. 975 kap. 16
[11] art.976 kap. 16 .

*l'ordine reale delle cose …*" [12] "*Quando il legislatore si accinge a dettare le norme, secondo cui l'errore puo' esser causa di rescindere un contratto, gli fa mestieri avere innanzi agli occhi due postulati fondamentali . Cioe' a dire : (i) che l'errore puo' invalidare ragionevolmente il consenso, purche' costituisca il motivo determinante del contratto, per modo che il contraente non avrebbe concluso l'accordo, se avesse conosciuta la verita' ; (ii) che sebbene in cosifatta ipotesi l'errore meriti riparazione, deve aversi pure benigno riguardo alle condizioni dell'altro contraente ; il quale affatto ignaro dell'altrui errore vede a suo danno e senza colpa sua, svanire un credito o un d.iritto qualsiasi,su cui aveva fatto legittimo assegnamento.*" [13]

Bħala fatti, rriżulta fil-każ in eżami illi l-attriċi (illum mejta) u l-konvenuti kienu stabilew relazzjoni bejniethom f'xi żmien wara li Maria Pace kienet sfat waħedha in segwitu għall-mewt ta' ommha. Kienet għaddiet minn żmien ħażin, kellha *depression* u kellha tieħu anke l-kura għall-istat mentali tagħha[14] . Minħabba f'hekk aċċettat bil-qalb l-għajnuna li bdew joffrulha l-konvenuti li kienu ġirien tagħha . Għall-ewwel dawn is-serviġi kienu jikkonsistu biss fix-xiri ta' xi bżonnijiet ta' l-ikel . Wara ftit, meta r-relazzjonijiet ta' bejniethom bdew kull ma jmur jissaħħu, offrewlha li tibda tmur torqod għandhom ukoll . L-attriċi aċċettat, imma l-konvenuti riedu jkunu assikurati illi ta' dak li kienu qed jagħmlu magħha, jiġu adegwatament ikkumpensati . Ikkonvinċewha għalhekk tagħmel testment fejn ħalliethom werrieta universali tagħha, "*bħala ħlas u kumpens tad-diversi serviġi, kuri u assitenzi kollha ġia minnhom prestati lit-testatriċi sal-ġurnata tal-lum u ta' dawk li ser jipprestawlha fil-futur*."[15] Sadanittant il-konvenuti prattikament akkwistaw il-kontroll tal-flus kollha ta' l-attriċi, għax apparti li baqgħet tagħtihom parti sostanzjali mill-pensjoni tagħha, għadditilhom f'idjehom Lm2000 fi flus kontanti li kellha d-dar, id-depożiti bankarji

---

[12] op. cit. vol. IV. para. 39
[13] ibid.para. 42 .
[14] ara certifikat rilaxxjat minn Dr. T. G. Farrugia : Dok. C a fol. 10 u file mediku ta' Maria Pace a fol. 35 - 36 .
[15] ara testment ta' l-attrici in atti Nutar Dr. P. G. Pisani tat-18.9.1989 ; Dok. B a fol. 8 - 9 tal-process .

tagħha ammontanti f'Lm4000 u r-rikavat mill-bejgħ ta' għalqa u ċioe' xi Lm9500 oħra[16] . Bigħulha wkoll diversi bċejjeċ ta' għamara antika li kellha u oħra ġarrewha għandhom . Imbagħad daqs seba' xhur wara li sar it-testment imsemmi, sar kuntratt ta' *datio in solutum* li permezz tiegħu l-attriċi għaddiet il-proprjeta' ta' sehemha (19/36) mill-fond numru 138, Triq Marsalforn, ix-Xagħra lill-konvenuti, b'riserva tad-dritt ta' użu w abitazzjoni gratuwita a favur tagħha *durante vita,* u dana bi tpaċija għas-somma ta' Lm4222.22,2 dovuta minnha lill-konvenuti "*ta' diversi serviġi, kuri u assistenzi ġia prestati sal-ġurnata tal-lum*"[17] . Imma ftit wara li sar dan il-kuntratt, ir-relazzjonijiet bejn il-kontendenti bdew jeħżienu sakemm inqatgħu għal kollox, u ngħata bidu għal sensiela ta' kawżi bejniethom . Infatti permezz tal-kawża preżenti, qed jiġi attakkat proprju dan il-kuntratt, minħabba allegat vizzju fil-kunsens, kif ġia ngħad[18] .

Applikati l-prinċipji legali fuq imsemmija għal dawn il-fatti, nsibu illi fil-każ in eżami, jeżistu biżżejjed provi biex jista' jingħad illi jikkonkorru l-kundizzjonijiet meħtieġa għad-**dolo** . Jidher illi kull ma għamlu l-konvenuti sar sabiex jaħkmu kemm jista' jkun malajr il-ġid kollu ta' l-attriċi . Approfittaw ruħhom mill-istat debboli tagħha in segwitu għall-mewt ta' ommha u mill-bżonn li sabet ruħha fih għall-għajnuna u kumpanija, sabiex jikkonvinċuha illi permezz tagħhom kienet ser issib is-soluzzjoni għall-problemi tagħha u li issa ma kienx għadha waħedha . Wara li akkwistaw il-fiduċja totali tagħha, tant li fdathom bi ħwejjiġha kollha, ma kienux sodisfatti b'testment li seta' l quddiem jinbidel . Imma riedu jkunu żguri illi l-aqwa proprjeta' li kellha l-attriċi, sehemha mid-dar imsemmija, tkun ukoll fil-kontroll assolut tagħhom immedjatament . Mezz tajjeb biex dan isir kien appuntu kuntratt ta' *datio in solutum* bħal m'għandha fil-każ in eżami . Bl-iskuża li ser jiġi kkoreġut it-testment, għax ma kienitx issemmiet id-dar, kkonvinċewha tersaq għal dan il-kuntratt . Sinjifikanti hawnhekk sabiex jiġi ppruvat l-ingann tal-konvenuti, huwa

---

[16] ara Dok. CG a fol. 60 tal-kawza citaz. 224/96 .
[17] kuntratt in atti Nutar Dr. P. G. Pisani ta' l-20.4.1990; Dok. A a fol. 5 - 7 tal-process .
[18] ara affidavit ta' l-attrici a fol. 23 - 27 tal-process .

l-fatt illi filwaqt illi bit-testment tagħha l-attriċi kellha moħħha mistrieh illi kwalunkwe serviġi resi mill-konvenuti kienu ser jiġu adegwatament ikkumpensati bl-istess dispożizzjonijiet testamentarji tagħha, bil-kuntratt *de quo* kienet ser tibqa' obbligata li tikkumpensa lill-konvenuti għas-serviġi reżi mid-data tal-kuntratt 'l quddiem, għax id-dar kellha tagħmel tajjeb biss għas-serviġi resi f'anqas minn sena li l-konvenuti laħqu daru biha sa dakinhar ! Jiġi nnotat ukoll illi dwar iċ-ċirkostanzi li wasslu għal dan il-kuntratt il-konvenuti ftit li xejn setgħu jagħtu spjegazzjoni plawsibbli, anzi l-konvenut, għax hu biss xehed, kien evażiv għall-aħħar, u jillimita ruħu biss li jgħid illi kienet l-attriċi li riedet tagħmel l-istess kuntratt[19] .

Minn naħa l-oħra dan l-ingann wassal lill-attriċi biex tilludi ruħha illi, kif qalulha l-konvenuti, hija kienet ser tikkoreġi t-testment biss . Għaliha dan kien **żball ta' fatt,** tant illi malli ġabret kopja ta' l-att mingħand in-nutar u saret taf illi hija kienet iffirmat kuntratt u mhux testment, minnufih bdiet il-proċeduri biex tannulla dan l-istess kuntratt . Ta min jinnota hawnhekk illi ma kienitx l-attriċi illi qaltlu x'kellu jsir lin-nutar, imma kif jammetti l-istess konvenut, "*x'ħin mort għand in-nutar, in-nutar qara l-affarijiet li għamel u kulħadd iffirma*."[20]

Fil-fehma tal-Qorti hawn għandna każ klassiku fejn, kif ġie mfisser fil-ġurisprudenza tagħna, r-rieda ħażina ta' wieħed mill-kontraenti topera permezz ta' qerq (raggiri) biex tiddevja r-rieda ta' l-ieħor billi tikkonduċih fi żball (errore) .[21]

**B**. Dwar it-tieni rekwiżit sabiex tirnexxi kawża għar-rexxissjoni ta' kuntratt, jirriżulta illi din il-kawża ġiet appuntu proposta mill-parti (l-attriċi) illi ġiet preġudikata bl-aġir ta' min uża l-ingann u waqqagħha fi żball biex wassalha ħalli tiffirma l-att in kwistjoni . " … *quel solo contraente che stipulo' senza capacita'*

[19] ara xhieda tieghu in kontro-ezami a fol. 53 - 59 tal-kawza citaz. 224/1996 .
[20] ibid.a fol.58
[21] Sac. Francesco Zammit et vs L-Avukat Dott. Anthony Farrugia et. : Appell : 31.3.1967 .

*sufficente, o il consenso del quale fu viziato da errore, o violenza, o dolo, puo' fare pronunciare la nullita'*."[22]

**C.** Bit-tielet rekwiżit l-azzjoni ma tridx tkun ġiet preskritta jew rinunzjata . Permezz tas-sitt eċċezzjoni tagħhom il-konvenuti jeċċepixxu proprju l-preskrizzjoni ta' sentejn u dik ta' ħames snin a tenur ta' l-artikoli 1222 u 1224 rispettivament tal-Kodiċi Civili . Din il-kawża hija kjarament ibbażata fuq li żball u l-egħmil doluż u għalhekk żgur mhux il-każ li tiġi kunsidrata l-preskrizzjoni ta' ħames snin applikabbli f'każijiet oħra . Il-kuntratt in kwistjoni ġie redatt fl-20 ta' April 1990 u l-kawża preżenti ġiet intavolata aktar minn sitt snin wara . Gara pero' illi sakemm inkisru r-relazzjonijiet bejn il-kontendenti, l-attriċi ma kelliex għalfejn tissuspetta fil-konvenuti u kienet tafdahom f'kollox, tant li kellha ħwejjiġha kollha f'idejhom . Kien biss wara li nkisru dawn ir-relazzjonijiet fis-sena 1995, u ndunat li l-konvenuti ma baqgħux lġibulha rispett li hija fittxet li tieħu parir legali u ġabret kopja ta' l-attijiet kollha li kienet għamlet kemm damet intrigata magħhom . Għalhekk kien biss x'ħin l-avukat tagħha spjegalha f'hiex kien jikkonsisti l-kuntratt in kwistjoni li hija rrejalizzat x'kien tassew ġara u mmedjatament ħadet passi biex tikseb ir-rexxissjoni ta' dan il-kuntratt . Billi skond il-liġi, iż-żmien tal-preskrizzjoni f'każijiet ibbażati fuq raġunjiet simili, jibda jgħodd minn dakinahr li jinkixef id-difett,[23] ma jistax allura jingħad illi l-azzjoni preżenti hija preskritta .

Għaldaqstant peress illi rriżulta sodisfaċentement li jikkonkorru r-rekwiżiti kollha sabiex tirnexxi kawża bħal din, ma jibqa' l-ebda raġuni għaliex it-talbiet attriċi m'għandhomx jiġu milqugħa .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attriċi u :

1. tiddikjara null u bla effett legali l-kuntratt ta' *datio in solutum* li sar fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani tal-20 April 1990 bejn l-attriċi Maria Pace

---

[22] op. cit. vol. VIII para . 156.
[23] art.1223 (I) tal-kap.16 .

minn naħa u l-konvenuti Carmelo u Margaret konjugi Grima minn naħa l-oħra, għar-raġuni illi dan il-kuntratt kien vizzjat b'egħmil doluż u żball; u konsegwentement

2. tordna r-rexxissjoni ta' l-istess kuntratt .

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------